

Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tal- miżuri ta' garanzija fit-tul

1. Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament dwar l-EIOPA)¹ l-EIOPA qiegħda toħroġ Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 77b, 77d, 308c u 308d tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva Solvibbiltà II)².
- 1.2. Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiżguraw konverġenza tal-prattiki fl-Istati Membri kollha u jappoġġjaw lill-impriżi fl-implimentazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza, il-miżura tranżitorja dwar ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju u l-miżura tranżitorja dwar id-dispożizzjonijiet tekniċi (magħrufa bħala "aġġustamenti tal-garanzija fit-tul u miżuri tranżitorji").
- 1.3. Dawn il-Linji Gwida jinqasmu f'żewġ sezzjonijiet: Sezzjoni 1 tindirizza l-valwazzjoni ta' dispożizzjonijiet tekniċi permezz ta' miżuri ta' garanzija fit-tul. Dawn il-miżuri huma rilevanti għall-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Sezzjoni 2 tindirizza d-determinazzjoni tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (RKS) għall-utenti ta' formula standard u r-Rekwiżit Kapitali Minimu (RKM). Il-Linji Gwida dwar l-interazzjoni tal-miżuri ta' garanzija fit-tul mal-RKS u mal-RKM jassumu li l-RKS u l-RKM jiġu kkalkolati abbażi ta' dispożizzjonijiet tekniċi vvalutati permezz tal-miżuri ta' garanzija fit-tul.
- 1.4. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji skont id-Direttiva Solvibbiltà II.
- 1.5. Għall-fini ta' dawn il-Linji Gwida, l-espressjoni "miżuri ta' garanzija fit-tul" tirreferi għall-aġġustamenti u għall-miżuri tranżitorji stabbiliti fl-Artikoli 77b, 77d, 308c u 308d tad-Direttiva Solvibbiltà II.
- 1.6. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini jkollhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmijin fl-introduzzjoni.
- 1.7. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48)

² Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1)

Sezzjoni 1: Il-valwazzjoni ta' dispożizzjonijiet tekniċi permezz tal-miżuri ta' garanzija fit-tul

Linja Gwida 1 – Effetti tal-aġġustament tal-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza u t-tranżizzjoni dwar ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju fuq l-imgħiba tad-detenturi ta' polza

- 1.8. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jevitaw li joħolqu rabta mhux realistika jew li tikkawża distorsjoni bejn is-suppożizzjonijiet dwar l-imgħiba ta' detentur ta' polza msemmija fl-Artikolu 26 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35³ (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament ta' Delega) u l-użu tal-aġġustament għall-korrispondenza, l-aġġustament tal-volatilità jew il-miżura tranżitorja fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju.
- 1.9. B'mod partikolari, fejn il-probabbiltà li d-detenturi ta' polza ser jeżerċitaw opzjonijiet kuntrattwali tkun mudellata b'mod dinamiku permezz ta' rati ta' referenza (eż. rati tas-suq), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li r-rati ta' referenza jiġu stabbiliti b'mod konsistenti mal-istruttura tat-terminu rilevanti tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju applikata għall-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi.

Linja Gwida 2 – Interazzjoni tal-miżuri ta' garanzija fit-tul mal-kalkolu tal-marġni tar-riskju

- 1.10. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni tar-riskju skont l-Artikolu 38 tar-Regolament ta' Delega, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li japplikaw l-aġġustament għall-korrispondenza, l-aġġustament tal-volatilità, il-miżura tranżitorja fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju jew il-miżura tranżitorja fuq id-dispożizzjonijiet tekniċi għandhom jassumu li l-impriża ta' referenza ma tapplika l-ebda waħda minn dawn il-miżuri.

Linja Gwida 3 – Kombinazzjoni tal-aġġustament għall-korrispondenza u tal-miżura tranżitorja fuq id-dispożizzjonijiet tekniċi

- 1.11. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw biex jużaw kemm l-aġġustament għall-korrispondenza kif ukoll il-miżura tranżitorja fuq id-dispożizzjonijiet tekniċi għall-istess obbligi ta' assicurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni, skont l-Artikolu 77b u l-Artikolu 308d tad-Direttiva Solvibbiltà II, l-ammont imsemmi fil-punt 2(a) tal-Artikolu 308d tad-Direttiva Solvibbiltà II għandu jiġi kkalkolat bl-aġġustament għall-korrispondenza.

³ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1)

Linja Gwida 4 – Kamp ta' applikazzjoni tal-miżura tranżitorja fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju

1.12. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw il-miżura tranżitorja fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju għall-obbligi ammissibbli kollha.

Sezzjoni 2: Id-determinazzjoni tal-formula standard tal-RKM u tal-RKS fejn jintużaw miżuri ta' garanzija fit-tul

Linja Gwida 5 – Interazzjoni bejn l-aġġustament tal-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza u l-miżura tranżitorja fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju u s-submodulu ta' riskju fuq ir-rata tal-imgħax tal-formula standard tal-RKS

1.13. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jużaw l-aġġustament tal-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza jew il-miżura tranżitorja fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju għandhom jiżguraw li l-ammonti ta' dawn l-aġġustamenti u tal-aġġustament tranżitorju msemmi fl-Artikolu 308c tad-Direttiva Solvibbiltà II jibqgħu l-istess wara l-applikazzjoni tax-xokkijiet għall-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax bażika stabbilita fl-Artikoli 166 u 167 tar-Regolament ta' Delega.

Linja Gwida 6 – Interazzjoni bejn l-aġġustament tal-volatilità u/jew il-miżura tranżitorja fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju mas-submodulu tar-riskju ta' firxa tal-formula standard tal-RKS

1.14. Meta jkunu qegħdin jikkalkulaw is-submodulu tar-riskju ta' firxa, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li japplikaw l-aġġustament tal-volatilità u/jew il-miżura tranżitorja fuq ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju għandhom jiżguraw li l-ammonti tal-aġġustament tal-volatilità u/jew tal-aġġustament tranżitorju msemmi fl-Artikolu 308c tad-Direttiva Solvibbiltà II jibqgħu l-istess wara l-istress applikat skont is-submodulu tar-riskju ta' firxa stabbilit fl-Artikoli 176(1), 178(1) u 179(1) tar-Regolament ta' Delega.

Linja Gwida 7 - Interazzjoni bejn il-miżura tranżitorja fuq id-dispożizzjonijiet tekniċi u l-kalkolu tal-formula standard tal-RKS

1.15. Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li japplikaw il-miżura tranżitorja fuq dispożizzjonijiet tekniċi għandhom jiżguraw li t-tnaqqis tranżitorju msemmi fl-Artikolu 308d (1) tad-Direttiva Solvibbiltà II jibqa' l-istess f'kalkoli bbażati fuq ix-xenarji tal-formula standard tal-RKS.

Linja Gwida 8 – Interazzjoni bejn il-miżura tranżitorja fuq id-dispożizzjonijiet tekniċi u r-rekwiżit kapitali għal riskju operazzjonali tal-formula standard tal-RKS

1.16. Meta jkunu qegħdin jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali għal riskju operazzjonali, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li japplikaw il-miżura tranżitorja

fuq dispożizzjonijiet tekniċi, għall-kejl tal-volum it- TP_{life} , it- $TP_{life-ul}$ u $t-TP_{non-life}$ msemmijin fl-Artikolu 204(4) tar-Regolament ta' Delega, għandhom jużaw l-ammont tad-dispożizzjonijiet tekniċi qabel l-applikazzjoni tal-miżura tranżitorja wara li jkun tnaqqas il-massimu bejn il-marġini tar-riskju u l-ammont tat-tnaqqis tranżitorju.

- 1.17. Fejn l-ammont tat-tnaqqis tranżitorju jkun akbar mill-marġini tar-riskju, l-ammont tat-tnaqqis tranżitorju li jaqbeż il-marġini tar-riskju għandu jitqassam fuq TP_{life} , $TP_{life-ul}$ u $TP_{non-life}$ skont il-kontribut ta' kull komponent għall-ammont globali tat-tnaqqis tranżitorju.

Linja Gwida 9 – Interazzjoni bejn il-miżura tranżitorja fuq id-dispożizzjonijiet tekniċi u l-kalkolu tal-RKM

- 1.18. Meta jkunu qegħdin jikkalkulaw ir-rekwiżit kapitali minimu lineari, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li japplikaw il-miżura tranżitorja fuq dispożizzjonijiet tekniċi, għall-kejl tal-volum it- $TP_{(nl,s)}$, it- $TP_{(life,1)}$, it- $TP_{(life,2)}$, it- $TP_{(life,3)}$ u $t-TP_{(life,4)}$ imsemmijin fl-Artikoli 250(1) u 251(1) tar-Regolament ta' Delega, għandhom jużaw id-dispożizzjonijiet tekniċi qabel l-applikazzjoni tal-miżura tranżitorja wara li jkun tnaqqas il-massimu bejn il-marġini tar-riskju u l-ammont tat-tnaqqis tranżitorju.

- 1.19. Fejn l-ammont tat-tnaqqis tranżitorju jkun akbar mill-marġini tar-riskju, l-ammont tat-tnaqqis tranżitorju li jaqbeż il-marġini tar-riskju għandu jitqassam fuq it- $TP_{(nl,s)}$, it- $TP_{(life,1)}$, it- $TP_{(life,2)}$, it- $TP_{(life,3)}$ u $t-TP_{(life,4)}$ skont il-kontribut ta' kull komponent għall-ammont globali tat-tnaqqis tranżitorju.

Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

- 1.20. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

- 1.21. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

- 1.22. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

- 1.23. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u għandhom jiġu rappurtati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjonijiet

- 1.24. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu suġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.